# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 ta' Frar 2025**

**Rikors numru 799/2023**

**Bank of Valletta plc (C2833) u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2024 is-soċjeta 35⁰ 14⁰ Capital SCC plc (C 105417) taġixxi għan-nom ta' Cell Couros assumiet l-atti ta' din il-kawża minflok il-Bank of Valletta plc.**

**vs.**

**Joseph Cardona (KI numru 479974M) u**
**Emanuel sive Emmy u Concetta sive Connie miżżewġin Cardona (KI numru 270953M u 16648M)**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta plc datat 24 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu, wara li għamel riferenza għall-att ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Patricia Hall tat-3 ta' Frar 2012 li fih l-intimati iddikjaraw ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri tas-soċjeta rikorrenti kwantu għal Joseph Cardona fis-somma ta' tliet mija u tlettax il-elf, ħames mija wieħed u sittin Euro u erbgħin ċenteżmu (€313,561.40) flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv u kwantu għall-intimati Emanuel sive Emmy u Concetta sive Connie miżżewġin Cardona fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf, mitejn u seba' euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€22,207.85) flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri sal-ġurnata tal-pagament effettiv, kif ukoll li kienu għaddew iżjed minn ħames snin minn meta l-att fuq imsemmi seta' jiġi eżegwit u minkejja dan id-debitu baqa' ma tħallasx mill-intimati, talab lil din

il-Qorti sabiex tawtorizzah jeżegwixxi l-imsemmi att pubbliku bl-ispejjeż kontra l-intimati;[1]

2. Rat il-kopja awtentikata tal-att pubbliku surriferit in atti Patricia Hall tat-3 ta' Frar 2012 li ġie mehmuż mar-rikors promotur;[2]

3. Rat li fit-3 ta' Novembru 2023 l-intimat Joseph Cardona ġie notifikat b'dan ir-rikors flimkien mad-dokument, digriet appuntament tal-kawża u l-avviż tas-smiegħ[3] tal-istess filwaqt li Emanuel u Concetta konjuġi Cardona ġew notifikati bl-istess dokumenti fit-3 ta' Jannar 2024;[4]

4. Rat ir-rikors ta' 35º 14º Capital SCC plc (C 105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros tal-15 ta' Jannar 2024 li permezz tiegħu ai termini tal-art 810A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta talbet lil din il-Qorti biex tawtorizzaha tassumi l-atti tal-kawza minflok il-Bank of Valletta u dan wara li premettiet li fil-mori tal-proċeduri dik is-soċjeta kienet akkwistat mingħand il-Bank of Valletta plc id-drittijiet, titoli, interessi u benefiċċji kollha, inkluż id-drittijiet litiġjużi fil-konfront tal-intimati, inkluż il-proċeduri odjerni u dan bħala parti minn portafoll ta' *non performing loans*. Inoltre l-Bank attur kien ukoll bagħat ittra informattiva lill-intimati dwar dan it-trasferiment in osservanza għal dak provdut fil-Kapitolu 484 tal-Liġijiet ta' Malta.[5]

5. Rat li permezz ta' nota datata 19 ta' Jannar 2024 il-Bank of Valletta iddikjara li ma kienx qiegħed jopponi t-talba ta' 35º 14º Capital SCC plc (C 105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros.

6. Rat li fuq ordni tal-Qorti, fit-3 ta' Ġunju 2024, 35º 14º Capital SCC plc (C 105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ippreżentat id-dokumentazzjoni li kienet tipprova dak it-trasferiment imsemmi minnha fir-rikors tal-15 ta' Jannar 2024.[6]

7. Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Lulju 2024 li permezz tiegħu laqgħet it-talba ta' 35º 14º Capital SCC plc (C 105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros biex b'hekk ġiet awtorizzata tassumi l-atti ta' din il-kawża minflok il-Bank of Valletta plc.[7]

---

[1] Ara fol 1.
[2] Ara fol 2.
[3] Ara fol 24 a tergo.
[4] Ara fol 31 a tergo.
[5] Ara fol 33.
[6] Ara fol 41 u 42.
[7] Ara fol 61.

8. Rat li minkejja li l-intimati ġew notifikati bir-rikors promotur huma baqgħu ma preżentaw ebda risposta, anke minkejja l-fatt li fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2023 Joseph Cardona kien deher għas-seduta, ħa konjizzjoni tal-kawża u ddikjara li ma kellux avukat biex jassistih u l-Qorti ddifferiet il-kawża għas-seduta tat-12 ta' Frar 2024.[8] Minkejja dan, Joseph Cardona ma deherx iżjed għas-seduti miżmuma mill-Qorti fil-kawża tiegħu u l-anqas ma jirriżulta li qabbad xi avukat biex ikun jista' jidher għalih fihom.

9. Rat l-affidavits preżentati mis-soċjeta rikorrenti ta' Christopher Vella[9] u Owen Bugeja.[10] Minn dawn l-affidavits jirriżulta:

    i. Konferma li bejn il-Bank of Valletta u l-intimati kien sar l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Patricia Hall tat-3 ta' Frar 2012;
    ii. Fl-istess att Joseph Cardona kien irrikonoxxa u kkostitwixxa ruħu debitur tal-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' tliet mija u tlettax il-elf, ħames mija wieħed u sittin Euro u erbgħin ċenteżmu (€313,561.40) flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv;
    iii. Li Emanuel sive Emmy u Concetta sive Connie miżżewġin Cardona kienu kkostitwew ruħhom garanti miegħu fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf, mitejn u seba' euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€22,207.85) flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri sal-ġurnata tal-pagament effettiv;
    iv. Li permezz t'ittra uffiċjali datata 26 t'Awissu 2016,[11] debitament notifikata lill-intimati,[12] il-Bank of Valletta kien interpella lill-intimati sabiex iħalsu l-ammonti dovuti sa dakinhar in virtu għal dak li kien pattwit fl-att ta' rikonoxximent u kostituzzjoni ta' debitu in atti Patricia Hall tat-3 ta' Frar 2012 nonche li dik l-interpellanza kienet qegħda ssir sabiex tirrendi eżegwibbli l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu msemmi.
    v. Li sad-data tal-affidavits l-imgħaxijiet kienu għadhom għaddejjin filwaqt li l-intimati ma kienu għamlu ebda pagament akkont biex b'hekk l-ammonti rikonoxxuti bl-

[8] Ara fol 30.
[9] Ara fol 63.
[10] Ara fol 68.
[11] Ara fol 70.
[12] Ara fol 71 a tergo sa fol 76.

interessi bit-8 fil-mija dekorribbli mit-3 ta' Frar 2012 kienu għadhom għaddejjin.

10. Rat li fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2025 is-soċjeta rikorrenti ddikjarat li ma kellhiex iżjed provi x'tipproduċi u straħet fuq l-atti preżentati minnha.

11. Rat li sa dakinhar l-intimati baqgħu la wieġbu għat-talba rikorrenti u l-anqas dehru biex jikkontestaw l-istess talba. B'hekk il-Qorti ddifferiet il-kawża għad-deċiżjoni.

## Ikkunsidrat

12. F'dan il-każ it-talba tas-soċjeta rikorrenti hija bażata fuq dak dispost mill-art 253(b), 256(2) u 258(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. L-att pubbliku in atti Patricia Hall tat-3 ta' Frar 2012 jissodisfa dak rikjest mill-art 253(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu l-kuntratt eżebit kien riċevut minn nutar pubbliku ta' Malta u kien dwar dejn rikonoxxut u kostitwit mill-intimati bħala li kien ċert, likwidu u li għalaq u li ma kienx jikkonsisti f'eżekuzzjoni ta' fatt. B'hekk dak l-att huwa klassifikabbli bħala titolu eżekuttiv.

14. L-eżekuzzjoni ta' dan l-att pubbliku ma saritx mill-Bank of Valletta jew minn 35º 14º Capital SCC plc (C 105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros fi żmien ħames snin minn dakinhar li dak it-titolu eżekuttiv seta' ġie eżegwit. L-eżegwibbilita ta' dak it-titolu eżekuttiv allura titqies li tkun baqgħet sospiża.[13]

15. Il-Bank of Valletta plc kien interpella lill-intimati permezz t'ittra uffiċjali u biha sejħilhom sabiex iħalsu l-ammonti dovuti minnhom. Din l-ittra uffiċjali kienet ġiet finalment notifikata lill-intimati kollha bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni konkluża fit-13 t'April 2018.

16. Kien għalhekk li kien meħtieġ għall-Bank of Valletta qabel, u s-soċjeta rikorrenti wara li jipproċedu quddiem din il-Qorti biex ikunu jistgħu jottjenu l-eżekuzzjoni ta' dak it-titolu eżekuttiv ġaladarba l-eżekuzzjoni tiegħu ma saretx fi żmien ħames snin minn meta dak

[13] Ara l-Appell Ċivili Superjuri fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. John Borg et** deċiż fit-30 ta' Novembru 2022.

l-istess titolu eżekuttiv seta' jiġi eżegwit. Fil-fatt it-talba odjerna saret bil-mezz ta' rikors konfermat fl-24 ta' Lulju 2023.

17. Mill-provi prodotti jirriżulta li r-rappreżentanti tal-Bank of Valletta Johanna Bartolo kif ukoll Owen Bugeja, kif ukoll ir-rappreżentant ta' 35º 14º Capital SCC plc (C 105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ossija Christopher Vella ikkonfermaw kemm ix-xorta u l-ammont tad-dejn li tiegħu talbu l-eżekuzzjoni kif ukoll li dan id-dejn għadu dovut. Fil-fatt skont l-istess att pubbliku ġie wkoll maqbul bejn il-partijiet li l-Bank of Valletta kellu l-jedd li jsejjaħ lill-intimati sabiex iħalsu d-dejn tagħhom f'kull żmien u meta ried b'talba sempliċi bil-miktub meqjusa avviż tajjeb u biżżejjed għal dak il-għan. Il-Bank kien intrabat biss li ma jibdiex proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' dak l-att qabel it-30 ta' Novembru 2013 salv il-każ fejn tkun ġiet fis-seħħ xi ċirkostanza li tkun setgħet tippreġudika t-twettieq tal-obbligi tal-intimati fuq dak l-att jew l-osservanza tat-termini tiegħu fejn allura l-Bank xorta waħda rriżerva d-dritt li jipproċedi għall-eżekuzzjoni tal-istess titolu eżekuttiv mingħajr preavviż. Ġie pruvat ukoll mir-rappreżentanti tal-Bank u s-soċjeta rikorrenti li anke wara li għadda t-30 ta' Novembru 2013, l-intimati ma ħalsux id-dejn tagħhom rifless fl-att pubbliku msemmi.

18. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ ir-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni tal-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv naxxenti mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Patricia Hall tat-3 ta' Frar 2012 ġew sodisfatti filwaqt li ħadd mill-intimati debitament notifikati ma ppreżenzjaw ruħhom jew resqu tweġiba jew opposizzjoni għall-istess.

# Deċide

**Għaldaqstant il-Qorti qegħda tilqa' t-talba rikorrenti u tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv naxxenti mill-att pubbliku fl-atti tan-Nutar Patricia Hall tat-3 ta' Frar 2012 imsemmi iżjed il-fuq, bl-ispejjeż kontra l-intimati.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**